MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tat-22 ta' Novembru, 2007

Citazzjoni Numru. 766/2007

**Bank of Valletta plc**

**vs**

**Joseph u Pauline mizzewgin Abela (ID 728450M u 788949M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta' rikorrenti fis-17 ta' Lulju 2007 fejn gie premess:

Illi in forza ta' kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri datat 1 ta' Marzu 2001 (Dok "A"), intom iddikjarajtu ruhkom veri, certi u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' tnejn u hamsin elf, mija u disgha u tletin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm52,139.49) (€121,452.34) flimkien ma' l--imghax u spejjez relattivi;

Illi ghaddew aktar minn hames (5) snin minn meta l-kuntratt fuq imsemmi seta' jigi ezegwit u d-debitu tal-intimati ghadu ma thallasx u ghalhekk kellu jsir dan ir-rikors.

Illi llum d-debitu tal-intimati jammonta ghal tmienja u sebghin elf, mitejn u tnejn u erbghin liri Maltin u erbgha u hamsin centezmu (Lm78,242.54) (€182256.09) flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mis-17 ta' Marzu 2007 u l-ispejjez relattivi;

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizzju ghall-sommhom ohra ta' flus dovuti mill-intimati lis-socjeta` rikorrenti li ghalihom ir-rikorrenti qed tipprocedi b'gudizzju separat;

Illi ghaldaqstant is-socjeta' rikorrenti talbet umilment illi din l-Onorabbli qorti joghgobha tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 1 ta' Marzu 2001 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' tnejn u hamsin elf, mija u disgha u tletin liri Maltin u disgha u erbghin centezmu (Lm52,139.49) (€121,452.34) flimkien ma' l-imghax u bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

Rat li l-intimati notifikati ma pprezentawx risposta u lanqas dehru ghar-rikors.

Rat li Dr Dominic Cassar ghas-socjeta` rikorrenti kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors u li l-ammont indikat fir-rikors ghadu kollu dovut u li ma thallas xejn fil-mori ta' dawn il-proceduri;

Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti tirrizulta gustifikata.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti**, b'dan illi tawtorizzaha tezegwixxi il-kuntratt datat 1 ta' Marzu 2001 in atti Nutar Dottor Tonio Spiteri (Dok. "A") fl-ismijiet fuq imsemmija sabiex tottjeni l-pagament ta' tnejn u hamsin elf, mija u disgha u tletin liri Maltin u disgha u

erbghin centezmu (Lm52,139.49) (€121,452.34) flimkien ma' l-imghax.

Bl-ispejjez kontra l-istess intimati.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------